# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 816

KAZ NRU. 987

Fit-Tilwima tax-Xoghol

bejn

Freeport Terminal (Malta) Ltd

u

General Workers' Union

rigward Technicians u General Duty Personnel

Data : 9 t'April, 1997

**Chairman : Is-Sur Carmel Debono**

**Membri : Is-Sur Sydney Gatt F.C.I.T.**
**Is-Sur Leone Fenech**

1. **INTRODUZZJONI**

Din it-Tilwima tax-Xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onorevoli Ministru tal-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra datata 28 ta' Novembru, 1995 Ref. ME 4/95/95 biex tigi processata skond l-Att XXX tar-Relazzjonijiet Industrijali.

It-Tribunal zamm ghaxar (10) seduti.

Il-Freeport Terminal (Malta) Ltd li minn issa 'l quddiem tidher bhala il-Kumpanija kienet rapprezentata mis-sur Alfred Aquilina, Deputy Chairman u s-sur Frank Azzopardi, Human

Resources Manager, assistiti mill-avukat Richard Camilleri u l-avukatessa Maria Borg.

Il-General Workers’ Union kienet rapprezentata mis-sur Jack Calamatta, s-sur Tony Zarb u s-sur Emm. Zammit, Segretarju Generali, Segretarju Taqsima Port u Trasport u Shop Steward, rispettivament.

2. **TERMS OF REMIT**

Peress li ma kienx hemm qbil bejn il-partijiet dwar it-*Terms of Remit,* it-Tribunal iddecieda li dawn kellhom ikunu hekk :-

“Il-Freeport Terminal (Malta) Ltd titlob lit-Tribunal japprova li l-procedura addattata minnha dwar l-ghazla u l-konferma ta’ dawk l-individwi li gew promossi minn Mechanic II u Elect/Technicians II ghal Mechanic I u Elec/Technician I ghab-bazi tal-kapacita’ taghhom kif assessjati mill-Management b’sehh mid-data tal-promozzjoni ghall-grad ghola. Il-Kumpanija titlob lit-Tribunal japprova l-introduzzjoni tal-grad ta’ Handyman”.

3. **XHIEDA**

Tul is-smigh tat-Tilwima xehdu s-segwenti persuni :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Frank Azzopardi | - | Human Resources Manager |
| Is-Sur L. Portelli | - | Administration Manager |
| Is-Sur Ivan Curmi | - | Acting Eng. Manager |
| Is-Sur Alf. Aquilina | - | Duputy Chairman |
| Is-Sur Emm. Zammit | - | Shop Steward |
| Is-Sur Emm. Fenech | - | Mechanic I |
| Is-Sur Martin Saydon | - | Mechanic I |

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Brian Borg | - | Elec/Technician I |
| Is-Sur David Agius | - | General Dutyman |

4. **RIKORS**

Fir-raba' seduta l-Kumpanija ghamlet referenza ghar-rikors maghmul minnha dwar it-twahhil ta' notice li kienet tirreferi ghax-xhud Ivan Curmi, Acting Engineering Manager, li ma kellhiex l-approvazzjoni tal-Kumpanija.

Din in-notice giet aktar tard imnehhija minn fuq in-*notice board.* It-Tribunal irrimarka li kellu d-dover ihares il-partijiet u x-xhieda taghhom.

5. **DIFERIMENTI**

Fis-seba' seduta, t-Tribunal fuq talba tal-Union issuspenda s-smigh tat-tilwima *"sine die"* sakemm ikun hemm decizjoni mill-Qorti Superjuri kostituzzjonali dwar il-komposizzjoni tat-Tribunal.

Is-smigh tat-tilwima kien ukoll diferit minn Novembru 1996 sa Frar 1997 minhabba l-possibilta' li jintlahaq ftehim bejn il-partijiet.

6. **SOTTOMISSJONIJIET**

Il-Kumpanija ssottomettiet li minhabba nuqqas ta' nies kwalifikati biex ikopru l-operazzjonijiet taghha, harget *adverts* fl-istampa biex timpjega mechanics u technicians bi kwalifiki u esperjenza. Dawn kienu sejrin ikunu mpjegati bhala Mechanics II u Elec. Technicians II u jekk aktar tard ikunu addatati jigu promossi fi Grade I. Kien hemm ukoll rakommandazzjoni mill-Administration Manager li mpjegat li

kellu l-grad ta' General Dutyman jigi promoss General Handyman. Il-Kumpanija qalet li dawn il-proposti gew kommunikati lis-sur Tony Zarb, Segretarju Taqsima Port u Trasport f'laqgha li kellu mas-sur Alfred Aquilina, Deputy Chairman li accetta l-proposti izda talab li jigu konfermati b'ittra li l-Kumpanija tghid li kienet datata 3 ta' Awissu, 1992.

Meta gew impjegati, skond il-Kumpanija id-diversi persuni li ma kellhomx il-kwalifiki u l-esperjenza mehtiega gew infurmati mill-Interviewing Board li kienu sejrin jigu ngaggati bhala Mechanics II u Elect. Technicians II pero' jekk fix-xoghol juru li kienu addatatti u kapaci jigu promossi Grade I. Dawk li l-Kumpanija sabet li kellhom il-kwalifiki u esperjenza mehtiega gew impjegati mill-ewwel fil-Grade I.

Wara xi zmien, il-Union bdiet tinsisti biex dawk li kienu ilhom aktar minn sitt xhur fil-Grade II jigu promossi awtomatikament fil-Grade I, u dawk li ma jkunux lahqu l-livell mehtieg jigu moghtija sitt xhur tahrig. Rigward il-General Dutyman il-Union talbet li dan jigi promoss General Handyman wara sitt xhur.

Il-Kumpanija qalet li dawn il-proposti kellhom ikunu diskussi fil-ftehim kollettiv u li inoltre fil-frattemp, il-mechanics u technicians li dwarhom kien inqala l-kaz kienu gew promossi Grade I. Il-Kumpanija qalet ukoll li l-Union insistiet li dawk li ma kinux gew promossi ghal Grade I kellhom jinghataw kumpens xieraq sakemm gew promossi ghall-Grade I.

Il-Kumpanija sostniet li dawk li kienu baqghu fil-Grade II kien kif kien miftiehem u gew promossi Grade I skond l-addattazzjoni taghhom fuq ix-xoghol. Il-Kumpanija rreteniet li kellha l-inkarigu li taghmel l-assessment ghall-fini ta' promozzjoni. Il-General Workers' Union minn naha taghha

kkontendiet li l-impjegar ta’ Mechanics u Technicians kien fi grad li ma kienx jezisti fil-Ftehim Kollettiv. Fil-fehma tal-Union dan ma kienx permess meta kien hemm Ftehim Kollettiv u ma setghetx ghalhekk il-Kumpanija tibdel jew tirranga xi haga jekk mhux bi ftehim mal-Union.

Skond il-Union, il-Kumpanija weghdet lil dawk li impjegat bhala Grade II kellhom jigu promossi ghall-Grade I fi “zmien qasir” u gew biss upgraded wara hafna zmien fuq l-insistenza tal-Union.

Il-Union irreteniet li qatt ma rceviet l-ittra dwar l-introduzzjoni tal-gradi godda li l-Kumpanija qalet kienet baghtet.

Dwar l-issue l-ohra tal-General Handyman, il-Union ikkontendiet li bi ksur tal-Ftehim Kollettiv, l-Administration Manager qabad u ppromowtja persuna ghall-grad gdid ta’ Handyman.

Il-Union ghalhekk talbet lit-Tribunal jaghti lill-haddiema nvoluti d-differenza fil-paga taghhom b’sehh mit-tmiem tas-sitt xhur ta’ prova (probation).

Fis-sottomissjonijiet finali l-Kumpanija sostniet li mix-xhieda ta’ Alfred Aquilina u Frank Azzopardi gie stabbilit kif originaw il-krejazzjoni tal-gradi godda, li ma kienux kontradetti mill-Union.

Il-Kumpanija argumentat li l-ittra tat-3 ta’ Awissu, 1992 kellha tigi kkunsidrata bhala emenda bil-miktub tal-Ftehim Kollettiv u ssussegwentement accettazzjoni tacita permezz tal-komportament tal-Union. Ziedet issostni li l-ebda awtorita’ ma kellha d-dritt tbiddel kuntratt bejn il-Kumpanija u l-

impjegati li jimplika promozzjoni awtomatika fl-isfond li l-impjegati ffirmaw fil-Letter of Appointment.

Lanqas ma setghu s-sitt xhur probation jigu kkunsidrati bhala perjodu ta' "promotion".

F'dan ir-rigward, il-Kumpanija rreteniet li l-promozzjoni kienet tiddependi mill-assessment tal-Management. Jirrizulta ghalhekk li qatt ma kien hemm promessa ghal promozzjoni awtomatika.

Meta l-Kumpanija rreferiet ghall-kontenzjoni ta' l-impjegati koncernati li sostnew li kienu jaghmlu xoghol ta' grad ghola, cioe' Grade I, qalet li dawn il-provi kienu konfliggenti.

Skond il-Kumpanija, apparti kollox jibqa' l-fatt li skond il-kuntratt l-impejgati in kwistjoni dahlu fil-Grade II u l-promozzjoni taghhom kienet tiddependi mill-assessement tal-Management.

Ghar-rigward tal-grad "General Handyman", il-Kumpanija argumentat li ma saritx sejha ghall-applikazzjonijiet ghaliex kien ikun inutili meta ma kien hemm hadd hlief il-persuna promossa f'dan il-grad li kellu l-kwalitajiet necessarji, oltre di piu, li per ezempju David Agius kien ghadu fil-perjodu tal-"probation". Xi skop kien hemm staqsiet il-Kumpanija li tohroq "advert" intern meta ma kien hemm hadd li seta' jikkompeti? Ziedet tghid li l-Artiklu 27 tal-Ftehim Kollettiv kien kollu kwalifikat bil-kliem "fejn ic-cirkostanzi jippermettu".

Il-Union sostniet li din it-Tilwima tax-Xoghol ma missa qatt giet riferita lit-Tribunal ghar-raguni li ma kienx sewwa li kull meta tinqala' kwistjoni fuq ix-xoghol, specjalment meta l-Kumpanija tkun parastatali, t-Tribunal jintuza bhala "Strike

Breaking”. L-Arbitragg qalet il-Union ghandu jkun necessita’ u mhux drawwa.

Meta l-Union irreferiet ghall-impjiegi tat-Technicians u Mechanics sostniet li l-Kumpanija kellha l-hsieb li timpjeghom bhala Grade I u wara li saru l-interviews dawn gew offruti l-Grade II, bir-rizultat li l-impjegati offruti l-Grade II ma kellhom l-ebda triq hlief li jaccettaw.

Il-Union ikkontendiet li dawn l-impjegati gew moghtija x’jifhmu li wara sitt xhur kienu jsiru Grade I. Hafna minnhom bdew u kienu jahdmu wahedhom, u t-Technicians kollha hadmu ghal rashom wara sitt xhur, li xehdu wkoll is-sur Ivan Curmi li ha r-responsabbilta’ wara li ma baqax jattendi ghax-xoghol is-sur Lino Chetcuti. Dan kien ukoll ikkonfermat mill-Job Cards/Working Orders li kienu juru dak li kkontendiet il-Union.

Il-Union qalet li meta talbet lill-Management biex tara l-personal files dwar l-”assessement”, il-Management qal li dan ma kienx jitnizzel fil-file.

Ghar-rigward tal-”issue” dwar il-General Handyman, il-Union sostniet li l-Management ma mexiex mal-Ftehim Kollettiv, tant li qabad u minn jeddu hatar “handyman”. Il-Union argumentat li kieku kellha taqbel mal-azzjoni tal-Kumpanija, kien ikun ifisser li l-Union ma kinitx taqbel mal-Malta Employers’ Association li kull Ftehim Kollettiv hu Ftehim li jorbot lill-Union u lill-Management b’Ligi u li ghalhekk kullhadd ghandu jimxi skond il-Ftehim Kollettiv.

Il-Union ssottomettiet li t-Tilwima kienet tinkludi diskriminazzjoni, li setghet biss tigi kkorregguta billi l-impjegati nvoluti jithallsu tal-flus li tilfu, li hadmu ghalihom jew inkella ma hadux il-Grad li kien jixirqilhom.

7. **KONSIDERAZZJONIJIET**

Din it-Tilwima tax-Xoghol tikkoncerna allegazzjoni tal-Union li l-Freeport kisret il-Ftehim Kollettiv billi unilateralment holqot gradi godda u rreklutat numru ta' ndividwi minghajr il-qbil mal-Union u li ghalhekk dawn l-impjegati ghandhom jinghataw id-differenza fil-pagi taghhom b'sehh mit-tmiem tas-sitt (6) xhur "probation".

Il-gradi nvoluti huma :-

Mechanic II ghall-Mechanic I
Elect. Technician II ghall-Elec. Technician I
Reefer Tech. II ghall-Reefer Tech I
General Handyman.

Biex it-Tribunal ikun jista' jasal ghal decizjoni, tajjeb li jigu l-ewwel stabbiliti certi fatti u cirkostanzi.

Ma hemmx kontestazzjoni li l-Freeport harget "advert" fl-istampa fis-7 ta' Lulju, 1992 ghall-ingaggar ta' Elect/Electronic Technicians, Mechanics u Reefer Technicians bil-Management jikkontendi li gharraf lill-Union verbalment b'dan u aktar tard b'ittra li l-Union tiddikjara li ma rcevietx.

F'dan ir-rigward, it-Tribunal josserva li l-ittra tal-Freeport iggib id-data tat-3 t'Awissu, 1992, kwazi xahar wara l-hrug ta' l-"advert" fl-istampa.

It-Tribunal josserva wkoll li l-gradi godda msemmija ma kienux inkluzi fil-Ftehim Kollettiv vigenti f'dak il-perjodu meta l-Union kellha gharfien wahdieni (sole recognition) ghall-impjegati ndustrijali kollha. It-Tribunal jidhirlu li l-

Freeport naqas li jottjeni l-qbil tal-Union ghall-inkluzjoni ta’ dawn il-gradi godda fil-Ftehim Kollettiv.

Minn naha l-ohra t-Tribunal jidhirlu wkoll li l-Union ma setghetx ma kinitx konxja tal-ingaggar u holqien ta’ dawn il-gradi l-godda, u ghalhekk jekk mhux formalment accettat tacitament il-holqien u l-inkluzjoni ta’ dawn il-gradi godda.

It-Tribunal josserva wkoll li l-ittra li l-Freeport baghtet lil dawk l-individwi li ghazlet biex timpjega kienu offruti l-kariga ta’ Grade II Mechanic u Elect. Technician (barra s’intendi dawk li kienu fil-fehma tal-Freeport jissodisfaw il-kriterji mitluba u gew impjegati mill-ewwel fil-Grade I) bi prova ta’ sitt (6) xhur u kienu mitluba jikkonfermaw l-accettazzjoni taghhom bil-miktub, li debitament ghamlu.

Ghal xi raguni mhux maghrufa, t-Tribunal josserva li meta xi whud mill-impjegati godda f’dawn iz-zewg gradi komplew il-”probation” tas-sitt (6) xhur, gew infurmati li l-”appointment” taghhom “as Mechanics with the Engineering Department is confirmed”. It-Tribunal huwa tal-fehma li din l-ittra bl-ebda mod ma tista’ jew ghandha tigi nterpretata li l-”appointment” kien ifisser promozzjoni awtomatika ghall-
Grade I. Infatti sussegwentement, dawk li fil-fehma tal-Kumpanija rregistraw progress u profficjenza fuq ix-xoghol kienu gew infurmati permezz ta’ ittra li kienu gew promossi ghall-Grade I mid-data li kien iddecieda l-Management.

Gie stabbilit li s-sistema jew procedura wzata ghall-promozzjoni mill-Grade II ghall-Grade I kienet tikkonsisti f’assessement tal-individwu/i li kien isir mill-Engineering Manager u l-Assistant Engineering Manager fuq ix-xoghol.

Meta allura l-Engineering Manager ta’ dak iz-zmien ma setax ikompli fl-impjieg, dan l-inkarigu waqa’ fuq is-sur Ivan

Curmi, l-Assistant Engineering Manager li llum jokkupa l-pozizzjoni ta’ Acting Engineering Manager.

It-Tribunal sema’ b’certa attenzjoni l-ispjegazzjonijiet tas-sur Curmi dwar il-kriterji li l-Management hass li huma mehtiega qabel ma wasal biex jikkonkludi jekk dawk li kienu Mechanics II u Elect. Technicians II kienx jimmerithom promozzjoni ghall-Grade I.

Minn dak li sema’ u bic-cirkostanzi kif kienu f’dak il-perijodu, t-Tribunal huwa sodisfatt li waqt li huwa minnu li l-individwi jiddeferu wiehed mill-iehor f’dak li hu progress fuq ix-xoghol, xorta jibqa’ lampanti li dawn kienu mehtiega jmiddu jdejhom biex jaghmlu dak li kien ikun hemm bzonn, dejjem fis-sengha taghhom, xoghol li hafna drabi difficli tiddentifika jekk hux ta’ Grade II jew I, u jekk dan kienx isir f’xi hin jew il-hin kollu, anke jekk l-individwu fi Grade II kien ikun akkumpanjat b’individwu Grade I.

Per esperjenza, it-Tribunal ma hux estran ghall-prattika fid-dinja tax-xoghol li mpjegati specjalment dawk tas-sengha, jmiddu jdejhom u anke jigu ordnati jaghmlu xoghol ‘il fuq mill-grad taghhom. Ma hemmx dubbju li din hija prattika posittiva ghax tghin lill-azjenda u sservi ta’ tahrig u ncentiv biex l-impjegati jkomplu javvanzaw il-pozizzjoni taghhom.

F’dan ir-rigward it-Tribunal huwa sodisfatt mix-xhieda li sema’ li din il-prattika tezisti wkoll fil-Freeport u li l-Mechanics II u Elect Technicians II fil-kwistjoni in ezami ghaddew minnha.

It-Tribunal josserva li l-Ftehim Kollettiv vigenti jkopri din il-prattika u jew esigenza taht il-Klawsola 19 (A), li tidher

ukoll numerata 16 fil-Ftehim Kollettiv ta' qabel li kien applikkabbli ghall-impjegati ndustrijali kollha.

Ma hemmx dubbju li dan ix-xoghol fi grad ghola fit-tilwima quddiem dan it-Tribunal seta' ma kellux l-awtorizzazzjoni bil-miktub, izda lanqas ma hemm dubbju li dan kien isir. Kien konxju tieghu l-Management u ma giex interrott jew imwaqqaf, kwindi tacitament approvat.

Ghalkemm il-Kumpanija tista' tirrejagixxi ghal dawn il-konsiderazzjonijiet billi tikklejmja li din il-klawsola tkopri "acting appointments", xorta fil-fehma tat-Tribunal il-klawsola 19 tesprimi l-principju li min jaghmel xoghol il-fuq mill-grad tieghu ghandu jkun kompensat.

Il-Management sostna li l-appointment u promozzjoni ghall-Grade I kien jirrekjedi l-kwalifiki mitluba u esperjenza tax-xoghol involut. L-istess Management ikkontenda li d-dewmien li certi ndividwi fil-Grade II jigu promossi ghall-Grade I kien dovut ghall-fatt li ma kienux lahqu l-livell mixtieq, dan dejjem kundizzjonat mill-assessement tal-Management dwar il-progress ta' l-impjegati nvoluti.

It-Tribunal jrid jaghmilha manifestament cara li ma huwiex f'pozizzjoni u lanqas ma jikkonsidraha desiderabbli li jindahal fl-assessement li ghamel il-Management, izda fl-istess waqt mhuwiex sodisfatt li giet applikata u tezisti sistema adekwata kif ghandu jigi esegwit assessment ghall-fini ta' promozzjoni fil-Freeport.

It-Tribunal huwa tal-fehma li waqt li l-Management ghandu d-dritt assolut li jassessja l-impjegati ghall-fini ta' promozzjoni, l-impjegati minn naha l-ohra ghandhom ikunu jafu l-metodu wzat. Dan qieghed jinghad biex jigu evitati cirkostanzi kif okkorrew f'din it-Tilwima.

Ghalkemm id-domanda tal-Union kienet ghab-bazi tal-ksur tal-Ftehim Kollettiv dwar l-impjegar u l-kumpens lil numru ta’ mpjegati bhala Grade II, saret ukoll insistenza dwar il-promozzjoni ta’ ndividwu li kien General Dutyman ghall-grad gdid ta’ General Handyman, grad li ma kienx inkluz fil-Ftehim Kollettiv.

F’dan ir-rigward, it-Tribunal huwa sodisfatt li l-Kumpanija harget barra l-limiti tal-Ftehim Kollettiv galadarba l-Klawsola 27 - Promozzjonijeit u Mili ta’ Mpjiegi” jispecifika “...... ghandu l-ewwel jiehu kunsiderazzjoni ta’ l-impjegati tal-Kumpanija <u>wara li ssir sejha ghall-applikazzjonijiet interni.....”. </u>(is-sottolinejat huwa tat-Tribunal).

Huwa veru wkoll li l-istess klawsola tispecifika li fl-ghoti ta’ promozzjonijiet u mpjiegi l-Management ghandu jaghmel hekk “.....fejn ic-cirkostanzi jippermettu”.

Fil-fehma meqjusa tat-Tribunal din il-frazi hija ta’ natura genrali u suggetta ghall-interpretazzjonijiet varji. F’dan ir-rigward it-Tribunal jifhem li l-iskop ewlieni wara din il-klawsola huwa li jaghti l-ewwel kunsiderazzjoni u preferenza lill-impjegati, kwindi l-Klawsola tkompli tesigi li “f’kaz li ma jinstabux kandidati minn gewwa u jkunu tajbin ghall-dawk il-postijiet....”, imma dejjem <u>wara li ssir sejha ghall-applikazzjonijiet interni.</u>
(Is-sottolinejat huwa tat-Tribunal).

Fil-kaz tal-General Handyman it-Tribunal ma jista’ jara l-ebda raguni valida li tista’ tiggustifika lill-Kumpanija fid-decizjoni taghha.

Minn kull aspett logiku id-decizjoni tal-Kumpanija li tohloq grad gdid minghajr ftehim mal-Union (galadarba kien jezisti

Ftehim Kollettiv) u taghzel lil minn trid minghajr sejha ghall-applikazzjonijiet, irrespettivament jekk il-Kumpanija kellhiex bazi soda tikkonkludi li min gie maghzul kien l-ahjar wiehed jew li ma kienx hemm ohrajn validi li jistghu jikkwalifikaw, kienet decizjoni unilaterali zbaljata li ma tghinx biex izzomm ir-relazzjonijiet industrijali fuq bazi tajba, barra mill-periklu serju li azzjoni ta' din ix-xorta tista' taghti lok ghall-abbuz.

Ghar-rigward tad-doveri rikjesti mill-General Handyman wara ezami tal-Job Description, it-Tribunal huwa sodisfatt li dawn id-doveri huma superjuri ghall-dawk involuti fil-Job Description ta' General Dutyman.

8. **DECIZJONI**

Ghaldaqstant wara li kkunsidra li *Statements of Case* tal-partijiet, ra u ezamina d-dokumenti esebiti, sema' x-xhieda prodotti, evalwa l-fatti u c-cirkostanzi kollha u kkunsidra t-trattazzjoni u s-sottomissjonijiet finali tal-partijiet, dejjem fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet tieghu citati aktar 'il fuq, it-Tribunal isib li hemm ragunijiet sufficcjenti bizzejjed biex fil-kaz ta' Mechanics, Elec/Elect Technicians u Reefer Technician jiddeciedi kif jidher hawn taht :-

1. Li d-data tal-promozzjoni ghall-Grade I tal-Mechanics II, Elec/Elect Technicians II u Reefer Technician II, li isimhom jidher fil-lista annessa ghandha tigi riveduta u ssir kif tidher fl-ahhar kolonna ta' l-istess lista.

2. Li l-istess impjegati jithallsu "Differential Allowance" ghall-perjodu bejn id-data tal-konferma taghhom bhala Grade II sad-data tal-promozzjoni kif deciza mit-Tribunal ghall-Grade I u li din id-"Differential Allowance" tkun bir-rata ta' Lm3.25 fil gimgha ghall-

Mechanics II u Lm4.25 fil-gimgha ghat-Elect/Elec Technicians II u Reefer Technician II.

Ghar-rigward tal-"issue" l-ohra dwar il-grad ta' General Handyman, kif diga esprima ruhu fil-kunsiderazzjonijiet tieghu citati hawn fuq, isib li l-Kumpanija naqset li taderixxi ma dak li jirrekjedi l-Ftehim Kollettiv.

Ma huwiex il-kompitu tat-Tribunal li jordna lill-Kumpanija taghmel lill-General Dutymen kollha General Handymen jew li tnehhi lill-General Handymen li saru fl-Engineering Department barra l-procedura stabbilita' u preskritta fil-Ftehim Kollettiv izda :-

3. Jordna lill-Kumpanija tohrog "Advert" internali bil-ghan li taghzel General Handymen jekk jirlrizulta li jkun hemm applikanti addattati ghal dan il-grad.

B'hekk tintemm din it-Tilwima tax-Xoghol.

-------------------
**Carmel Debono**
**CHAIRMAN**

-------------------
**Sydney Gatt**
**MEMBRU**

-------------------
**Leone Fenech**
**MEMBRU**

---------------
**Edwin Spiteri**
**A/Segretarju**

# LISTA

## Annessa mad-Decizjoni Nru. 816

| Staff No | Name | Date of Engagt | Entry Grade | Date of Upgrading | Revised Upgrading |
|---|---|---|---|---|---|
| 213 | J. Zahra | 10. 8.92 | Mech II | 23. 5.94 | 10. 8.93 |
| 215 | E. Fenech | 19. 8.92 | Mech II | 23. 5.94 | 19. 8.93 |
| 216 | J. Saliba | 24. 8.92 | Mech II | 23. 5.94 | 24. 8.93 |
| 077 | B. Borg | 15. 2.93 | Elec/ Tech II | 3.10.94 | 15. 2.94 |
| 164 | A. Tabone | 9. 8.93 | Elec/ Tech II | 3.10.94 | 9. 8.94 |
| 241 | A. Borg | 6. 9.93 | Elec/ Tech II | 3.10.94 | 6. 9.94 |
| 249 | L. Borg | 4.10.93 | Elec/ Tech II | 3.10.94 | 4.10.94 |
| 239 | M. Saydon | 7. 3.94 | Mech II | 31. 7.95 | 7. 3.95 |
| 401 | P. Stellini | 3.10.94 | Mech II | 31. 7.95 | 31. 7.95 |
| 402 | J. Serpina | 24.10.94 | Mech II | 31. 7.95 | 31. 7.95 |
| 403 | S. Zammit | 25.10.94 | Mech II | 31. 7.95 | 31. 7.95 |
| 409 | J. Persiano | 9. 1.95 | Mech II | 31. 7.95 | 31. 7.95 |
| 369 | J. Sacco | 13. 6.94 | Elec/ Tech II | 31. 7.95 | 13. 6.95 |
| 393 | S. Cassar | 19. 9.94 | Elec/ Tech II | 31. 7.95 | 31. 7.95 |

| Staff No | Name | Date of Engagt | Entry Grade | Date of Upgrading | Revised Upgrading |
|---|---|---|---|---|---|
| 394 | F. Mifsud | 26. 9.94 | Elec/ Tech II | 31. 7.95 | 31. 7.95 |
| 151 | M. Micallef | 21. 3.94 | Reef/ Tech II | 31. 7.95 | 21. 3.95 |
| 158 | E. Zammit | 12. 7.93 | Reef/ Tech II | 31. 7.95 | 12. 7.94 |

------------------
**Carmel Debono**
**CHAIRMAN**

------------------
**Sydney Gatt**
**MEMBRU**

------------------
**Leone Fenech**
**MEMBRU**

---------------
**Edwin Spiteri**
**A/Segretarju**

mrg